MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2011

Numru. 297/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**John Portelli**
**Alex Portelli**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati John Portelli ta' 56 sena, iben il-mejjet Thomas u Maria Giordemaina, imwieled ir-Rabat nhar id-19 ta' Ottubru 1948 u residenti 'King Fisher', Triq is-Sajf ta' San Martin, Bahrija u detentur tal-karta tal-identita' numru 919048(M) u l-imputat Alex Portelli ta' 28 sena, bin John u Grace nee' Aquilina, imwieled Pieta' fit-13 ta' April 1979 u residenti 'Frott il-Hidma', Triq is-Sajf ta' San

Martin, Bahrija u detentur tal-karta tal-identita’ numru 188179(M) gew mressaq quddiemha akkuzati talli :

Lil John Portelli wahdu :

Nhar id-9 ta’ Mejju 2005, ghall-habta tas-6.00pm, gewwa x-Xaghra tal-Qortin fil-Bahrija limiti tar-Rabat (Malta) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ nuccali tal-vista, liema hsara taccedi l-hamsin Lira Maltin (LM50) izda mhux il-hames mitt Lira Maltin(LM500) ghad-detriment ta’ Emanuel Baldacchino.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anthony Cuschieri, Geranzio Cuschieri u Emanuel Baldacchino, skond kif gie iccertifikat mit-tobba Dr. Maria Gatt M.D., Dr. K. Causon MD u Dr. A. Agius MD rispettivament.

Lil Alex Portelli wahdu :

Nhar id-9 ta’ Mejju 2005, ghall-habta tas-6.00pm, gewwa x-Xaghra tal-Qortin fil-Bahrija limiti tar-Rabat (Malta) ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anthony Cuschieri kif gie iccertifikat mit-tabib Dr. Maria Gatt MD.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tapplika garanzija pekunarja fir-rigward ta’ John Portelli u Alex Portelli.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta’ Gunju 2007 (esebit a fol. 20 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-27 ta’ Gunju 2007 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota a' Sottomissjonijiet finali prezentata mid-Diiza.

Rat li la l-Prosekuzzjoni u l-anqas il-parti civili ma prezentaw in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom entro t-terminu lilhom prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda lli nqalghet fid-9 ta' Mejju 2005 ghall-habta tas-6.00pm gewwa x-Xaghra tal-Qortin, il-Bahrija waqt li kien qed isir access mill-Perit Joseph Ellul Vincenti li kien imqabbad bhala Perit Perizjuri mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-atti ta' kawza civili li kien hemm pendenti bejn socjeta' kummercjali bl-isem ta' Eliza Company Limited li l-parti civili Anthony Cuschieri, Geronzio Cuscheri u Emanuel Baldacchino kienu diretturi taghha u xi bdiewa, fosthom l-imputat John Portelli, li kellhom l-art fil-Bahrija li dwara kien hemm il-pendenza civili mqabbla ghandhom. Mill-provi rrizulta li l-iskop tal-access kien li jigi indikat lill-Perit Ellul Vincenti liema porzjonijiet tal-art kienu mqabbla lill-liema bdiewa. Mill-provi rrizulta manifestament car li kien hemm disgwid kbir bejn id-diretturi tal-kumpanija Eliza Limited min-naha l-wahda u l-bdiewa li kellhom l-art imqabbla lilhom min-naha l-ohra.

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox konfliggenti dwar dak li gara dakinhar tal-glieda in kwistjoni fejn id-diretturi ta' Eliza Company Limited min-naha l-wahda qed jallegaw li huma gew agrediti mill-imputat John Portelli u minn huh Angelo Portelli mentri l-imputat John Portelli min-naha l-ohra jghid li kien Anthony Cuscheri li agredih u li huwa kull ma ghamel kien biss li ddefenda lilu nnifsu.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Gunju 2007 xehed il-Perit Ellul Vincenti fejn dan spjega li fid-9 ta' Mejju kien sar access fil-Bahrija sabiex jespleta l-inkarigu lilu moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Huwa qal li f'hin minnhom waqt li kien miexi lejn naha ohra tal-ghalqa sabiex jigi muri zewg porzjonijiet tal-art fit-tarf tal-bicca art kbira li kien qed isir l-

access fuqha sema' hafna storbju u meta hares lura ra nies jiggieldu izda ma rax min kien qed isawwat lil min. Jghid ukoll li mhux f'pozizzjoni li jaghraf il-partijiet illi kienu prezenti ghax kienu nies illi ltaqa' maghhom darba wahda biss.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Frar 2009 xehed il-parti civili Emanuel Baldacchino li qal li kien prezenti ghall-access peress li hu s-segretarju u direttur ta' Eliza Company Limited. Huwa qal li l-inkwiet inqala' mis-sensar, u cioe certu Pawlu. Sussegwentement gie skambjat diskors bejn certu Angelo Portelli li huwa bidwi u Joe Baldacchino u meta huwa dar sabiex jara x'kien qed jigri qabez fuqu minn wara l-imputat John Portelli, tajjarlu n-nuccali u baqa' mqabbad mieghu. Jghid illi kien Anthony Cuschieri li qala lill-imputat John Portelli minn fuqu. Aktar tard giet persuna li bdiet tistaqsi min hu 'Ninu Hasana' u wara ftit ra lil Anthony Cuschieri jinzel mal-art, izda dan ix-xhud ma setghax jghid min tah id-daqqa ghax il-persuna ma rahiex.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Mejju 2008 xehed Anthony Cuschieri azzjonist u direttur tas-socjeta' Eliza Company Limited fejn dan ammetta li kienu hu li lill-Perit kien qallu xi kliem fis-sens li kien hemm min kien bla kuragg u bil-lejl kien qed jikteb kliem ta' theddid fl-konfronti tieghu u tal-familja tieghu. Dan ix-xhud qal ukoll li l-bidwi Angelo Portelli kien qed jhedded lil Joe Boaldacchino u kien qed jaghmillu subghajh ma' wiccu u dan tal-ahhar qal lil Portelli sabiex inehhi subghajh ghaliex allavolja kien bla snien huwa kein ser jigdimlu subghajh. Anthony Cuschieri jammetti illi inqalghet tilwima illi f'hin minnhom hu intervjena sabiex John Portelli jinqala minn ma' dahar Joe Baldacchino. U jghid li kif kienu imqabdin ma' xulxin hu u John Portelli, Portelli gheleb 'il quddiem u gibdu fuqu u waqghu fuq xulxin. Ikompli jghid Anthony Cuschieri li x'hin l-imputat John Portelli kien mal-art u beda' jipprova jqum ix-xhud Anthony Cuschieri zammu kontra l-volonta' tieghu mal-art u zammu rasu l-isfel mal-art. Jghid illi xi hin wara gie t-tifel ta Giovanni Portelli li beda' jistaqsi min hu 'Ninu Hasana', u mbaghad din il-persuna li kien l-imputat Alex Portelli, mar fuqu u tah daqqa ta' ponn fuq ghajnejh.

Illi waqt l-udjenza tal-4 ta' Lulju 2008 xehed Geranzio Cuschieri fejn dan qal illi huwa azzjonist ta' Eliza Company Limited u li kien prezenti waqt l-access. Jammetti li ghamel idejh ma' wicc l-imputat John Portelli. Qal ukoll li l-imputat ma gidmux, imma hataflu subghajh go halqu, 'ma gidimnix, hatafli subghajja.' U mbaghad ammetta li "tajtu daqqa ta' harta go wiccu lil dan jew daqqa ta' ponn kienet …" Fl-istess xhieda jikkontradixxi lilu nnfisu u jghid li John Portelli gidmu u kellu jmur tlett darbiet ghand it-tabib. Fl-istess hin jghid li wara l-glieda komplew bil-perizja qisu kwieta kollox.

Fl-istess udjenza xehed Paul Cutajar li qal li huwa kien miftiehem ma' Anthony Cuschieri biex wara li jlestu mill-perizja jiehdu xi nies biex jaraw xi raba. Jghid li ma kellu x'jaqsam xejn fil-perizja. Paul Cutajar xehed li ra lil xi hadd li jafu bhala l-Merill jaqla' idu minn taht u jtajjar in-nuccali f'wicc wiehed minn dawn in-nies li kienu prezenti ghall-access. Meta mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk din il-persuna bil-laqam tal-'Merill' li kien ra jtajjar in-nuccali kienx fl-awla, Paul Cutajar qal "Le, mhux hawn gew" . Dan ix-xhud zied jghid li meta nqala' l-incident kien hemm xi tmienja min-nies imqabdin f'xulxin u x'hin huwa ra hekk beda jigbed wiehed 'l hawn u l'iehor l'hemm sabiex iferraqhom. Paul Cutajar qal li l-glieda kienet glieda "bil-ponnijiet' u ma kienx hemm xi glied bil-halq. Paul Cutajar qal ukoll li wara li l-glieda kkalmat gie l-imputat Alex Portelli lli wara li staqsa min kien Anthony Cuschieri mar fuqu u tah daqqa ta' ponn f'wiccu.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Mejju 2009 xehed Joe Tanti li qal li huwa bidwi u li ghandu r-raba fil-Bahrija, Joe Tanti xehed illi kien Anthony Cuschieri l-ewwel li ta daqqiet ta' ponn lil John Portelli u tefghu mal-art ghaliex qal li sa dak il-hin diskors biss kien ghaddej.  Qal ukoll li Anthony Cuschieri beda' jaghti daqqiet lil John Portelli u x'hin dan waqa fl-art rega tah daqqa ta' ponn f'rasu. Tanti qal ukoll ukoll li ma rax lill-Portelli jsawwat lil Cuschieri u li kien hemm ghaxar persuni tal-Eliza u lilu personali beda jzommu hu Cuschieri biex ma jaqbizx ghal Portelli. Jaf li John Portelli hareg minn din is-sitwazzjoni bid-demm. Qal

ukoll li fl-ebda hin ma ra lil John Portelli jagredixxi lil xi hadd imma minflok rah jaqla' d-daqqiet.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' April 2010 xehed l-imputat John Portelli fejn dan ikkonferma dak li kien qal a tempo vergine meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 17 sa 19 tal-atti processwali u rrakkonta l-problema li kellhom bil-qbiela li ghalkemm kienet qed tigi mhallsa minnhom ma kinitx qed tigi accettata minn Eliza Company Limited. Qal li dakinhar tal-access kien hemm ghaxra min-nies min-naha tal-Eliza Company Limited u spjega kif Anthony Cuschieri li ghandu shares fil-kumpanija qalilhom b'vuci arroganti "inthom hawn m'ghandkom xejn u ta' hawn hekk m'inthomx thallsu". Meta Anglu Portelli indikalu li Joseph Baldaccinho stess qallu "illi jaf li meta xtrajtu, xtrajtu l-art bil-qbiela." Ninu Cuschieri qallu 'dak mignun aktar minnkom" Meta John Portelli qallu 'mela ahna mgienen', Anthony Cuschieri qalu 'mela x'inthom!' u meta Anglu Portelli qal lil Perit li meta ghamel il-pjanta originali bi zvista kien indika dura f'art ta' haddiehor, Joe Baldacchino kompla jitzzika u qal 'Perit jew imxiet bil-lejl…ghax hawn taf kemm isiru affarijiet bil-lejl." U fl-istess hin Anthony Cuschieri beda' jghajjarhom "inthom kollha cowards u bla b..d". Qal li kien Anthony Cuschieri li tah daqqa ta' ponn go wiccu. Qal ukoll li hu qatt ma habat wiccu mal-art u qal li hu spicca mal-art ghaliex qabez fuqu Geranzio. Qal li kienu Anthony Cuschieri u huh Geronzio li bdew jaghtih daqqiet ta' ponn u daqqiet bis-sieq, maghhom inghaqad ukoll Leli Baldacchino. L-imputat Giovanni Portelli jghid li tant kienu gravi d-daqqiet li qala' li kellhom anki isirulu xi punti u t-tabib tac-Centru tas-Sahha sahansitra baghtu l-Isptar biex ikompli jiddewwa hemmhekk. Giovanni Portelli jsotni li qatt ma setgha jkun hu li jsawwat lil ohrajn ghaliex hu spicca mitfugh mal-art u l-unika haga li setgha jaghmel kienet li jipprova jikkontrolla d-daqqiet li jaqla.' L-imputat Giovanni Portelli esebixxa sett ritratti li jindikaw il-konsegwenzi tal-agressjoni li ssubixxa minn Cuschieri u Baldacchino kif ukoll certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Stephen Muscat li ccertifika l-griehi li huwa sofra bhala gravi.

Illi waqt l-udjenza tat-3 ta' Gunju 2010 xehed l-imputat Alex Portelli li qal illi hu kien ghaddej mill-inhawi b'kumbinazzjoni u mhux ghax xi hadd cempillu. Jghid li dak iz-zmien kien joqghod il-Bahrija u regolarment kien jghaddi hemmhekk ghax il-familja kellhom l-eghlieqi hemmhekk. Jghid li dakinhar tal-incident de quo ra lil missieru kollu demm u nizel jara x'gara u meta missieru qallu minn sawtu b'referenza ghal Anthony Cuschieri huwa mar staqsa lil Cuschieri ghalfejn ghamel hekk u l-iehor ipprovokah billi qallu 'Tibzghax lilek insibek'. Ghal dan il-kliem Alex Portelli mbuttah biex inehhih minn triqtu u Cuschieri ma jersaqx lejh u huwa qabad u ha lil missieru l-polyclinic.

Illi f'dawn il-proceduri xehed ukoll Angelo Portelli[1], ukoll gabillot prodott mid-Difiza u hu l-imputat Giovanni Portelli, fejn dan ikkorrabora l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-ko-imputati Giovanni u Alex Portelli. Huwa jghid li kien Anthony Cuschieri li ta l-ewwel daqqa lil John Portelli.

Ikunsidrat :

Illi kif jidher mis-siltiet tax-xhieda riportati hawn fuq il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti, fejn iz-zewg fazzjonijiet qed jallegaw li l-glieda nbdiet min-naha l-ohra. L-uniku xhud li wiehed jista' jissejjah indipendenti huwa l-Perti Ellul Vincenti u dan ma tantx jitfa' dawl fuq min beda il-glieda jew fuq min effettivament kien qed jiggieled, Il-Qorti jidrilha li l-aktar xhud kredibbli fil-fatt huwa Paul Cutajar. Ghalkemm dan ix-xhud li huwa sensar ittiehed fuq il-post mill-parti civili Anthony Cuschieri huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-access li kien qed isir u l-anqas fil-kwistjonijiet li kien hemm pendenti bejn il-partijiet u jidher li ghen sabiex il-glieda tieqaf. Dan ix-xhud qal li l-persuna li tajjar in-nuccali ta' Emanuel Baldacchino fil-fatt ma kienx wiehed mill-imputati fil-kawza odjerna izda xi hadd isejhulu il-Merill. Dan ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jindika min beda' jaghti lil min u ghalkemm indika li ra lill-imputat John Portelli jaghti xi daqqiet ta' ponn huwa qal ukoll li kien

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 155 sa 164.

hemm grupp ta’ nies lkoll jaghtu d-daqqiet u ma kienx f’posizzjoni jindika min ta lil min jew min beda’ l-glieda. Dan ix-xhud izda specifika li malli waqfet il-glieda gie fuq il-post l-imputat Alex Portelli u wara li staqsa min kien Anthony Cuschieri mar fuqu u tah daqqa ta’ ponn f’wiccu. Mill-provi u senjatament mic-certifkat mediku nserit a fol. 14 tal-atti processwali jirrizulta li l-griehi sofferti minn Anthony Cuschieri kienu ta’ natura hafifa. Dan ic-certifkat gie debitament konfermat mit-tabib li rrilaxjatu, Dr. Maria Gatt li xehdet waqt l-udjenza tal-9 ta’ Mejju 2008.

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi prodotti mil-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f’dan il-kaz jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma tistghax tinghad li rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet migjuba minnha fil-konfronti tal-imputat John Portelli minhabba il-kunflitt fil-provi li saret referenza ghalih aktar ‘il fuq izda l-Qorti jidrilha wkoll li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat Alex Portelli.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat Alex Portelli ghandu fedina penali netta kif ukoll il-fatt li huwa intervjena ghaliex ra lil missieru mwegga’ u fic-cirkostanzi jidrilha li piena pekunjarja tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat John Portelli mhux hatital-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Alex Portelli hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ hames mitt Ewro (€500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------